Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Ġunju 1979

li temenda d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 69/208/KEE u 70/458/KEE dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, iż-żerriegħa taċ-ċereali u ż-żerriegħa taż-żejt u tal-pjanti tal-fibri u ż-żerriegħa tal-ħxejjex

(79/641/KEE)

(ĠU L 183 , 19.7.1979, p. 13)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002	L 193	33	20.7.2002
►**M2**	Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002	L 193	74	20.7.2002

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Ġunju 1979

li temenda d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 69/208/KEE u 70/458/KEE dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, iż-żerriegħa taċ-ċereali u ż-żerriegħa taż-żejt u tal-pjanti tal-fibri u ż-żerriegħa tal-ħxejjex

(79/641/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/1020/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa taċ-ċereali ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/1020/KEE, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 (1a) u 21a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 69/208/KEE tat-30 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa taż-żejt u tal-pjanti tal-fibri ([4]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/1020/KEE, u b'mod partikolari l-Artikoli 2 (1a) u 40 (a) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/458/KEE tad-29 ta' Settembru 1970 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-ħxejjex ([5]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/692/KEE ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 2 (1a) u 40a tagħha,

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp ta' l-għerf xjentifiku, numru ta' ismijiet botaniċi użati fid-Direttivi dwar it-tqegħid fis-suq taż-żrieragħ intwerew li ma kienux korretti jew ta' awtentiċità dubjuża;

Billi dawk l-ismijiet għandhom jiġu allineati ma' dawk normalment aċċettati internazzjonalment;

Billi d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 69/208/KEE u 70/458/KEE dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali u taż-żerriegħa taż-żejt u tal-pjanti tal-fibri u taż-żerriegħa tal-ħxejjex għandhom għalhekk jiġu emendati;

Billi ċerti disposizzjonijiet tad-Direttivi msemmija hawn fuq u tad-Direttiva tal-Kunsill 70/457/KEE tad-29 ta' Settembru 1970 dwar il-katalogu komuni ta' l-ispeċi tal-varjetajiet ta'l-pjanti agrikoli ([7]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/55/KEE ([8]), jużaw il-kunċett ta' l-ispeċi, b'hekk jistabbilixxu l-iskop ta' dawn id-disposizzjonijiet; billi il-bidliet tan-nomenklatura magħmula b'din id-Direttiva m'għandhomx jaffettwaw l-interpretazzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa għall-pjanti ta' l-għalf hija b'dan emendata kif ġej:

([1]) ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2298/66.
([2]) ĠU L 350, ta' l-14.12.1978, pġ. 27.
([3]) ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2309/66.
([4]) ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, pġ. 3.
([5]) ĠU L 225, tat-12.10.1970, pġ. 7.
([6]) ĠU L 236, tas-26.8.1978, pġ. 13.
([7]) ĠU L 225, tat-12.10.1970, pġ. 1.
([8]) ĠU L 16, ta' l-20.1.1978, pġ. 23.

▼B

1. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (a) l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

   Agrostis canina L. ssp. *canina* Hwd. — *Velvet bent grass*,

   Arrhenatherum elatius (L.) J. et C. Presl. — *Tall oat grass*,

   Phleum bertolinii DC — Timothy,

   Trisetum flavescens (L.) Pal. Beauv. — *Golden oat grass*,

   għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

   Agrostis canina L. — Ħaxix iebes bellusi,

   Arrhenatherum elatius (L.) Beauv. ex J. et K. Presl. — Ħaxix twil tal-ħafur,

   Phleum bertolonii DC — Timothy (Timotju),

   Trisetum flavescens (L.) Beauv. — Ħaxix dehbi tal-ħafur.

2. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (b) l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

   Medicago varia Martyn — *Lucerne*,

   Onobrychis sativa Lam. — *Sainfoin*,

   Pisum arvense L. — piżelli ħadra,

   Trigonella foenumgraecum L. — *Fenugreek*,

   għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

   Medicago x varia Martyn — *Lucerne*,

   Onobrychis viciifolia Scop. — *Sainfoin*,

   Pisum sativum L. (partim) — piżelli ħadra,

   Trigonella foenum-graecum L. — *Fenugreek*.

3. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (b) l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

   Vicia faba L. ssp. *faba* var. *equina* Pers. — favetta,

   Vicia faba L. var. minor (Peterm.) Bagħlija — favetta,

   għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

   Vicia faba L. (partim) — Favetta.

4. Fl-Artikolu 3 (1) l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

   Medicago varia Martyn,

   Pisum arvense L.,

   għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

   Medicago x varia Martyn,

   Pisum sativum L.

5. Fl-Anness I (2), fl-Anness I (4), fl-Anness II (I) (1) u fl-Anness II (II) (1) l-isem ta' l-ispeċi li ġejjin:

   Pisum arvense,

   għandu jiġi mibdula b'dan li ġej:

   Pisum sativum.

6. Fl-Anness II (1) (2) (A), fl-Anness II (II) (2) (A), u fl-Anness III l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

   Agrostis canina ssp. *canina*,

   Medicago varia,

   Onobrychis sativa,

   Pisum arvense,

   għandhom jiġi mibdula b'dan li ġej:

   Agrostis canina,

   Medicago x varia,

   Onobrychis viciifolia,

   Pisum sativum.

7. Fl-Anness II (1) (2) (A), fl-Anness II (II) (2) (A), u fl-Anness III l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

▼B

Vicia faba ssp. var. *equina*,

Vicia faba var. *minor*,

għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

Vicia faba.

8. Fl-Anness II (1) (2) (B) (e) l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

Pisum arvense,

Vicia faba spp.,

għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

Pisum sativum,

Vicia faba.

Artikolu 2

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa taċ-ċereali hija b'dan emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (b) l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

Hordeum distichum L. — xgħir ta' żewġ fillieri,

Hordeum polystichum L. — xgħir ta' sitt fillieri,

għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

Hordeum vulgare L. — Xgħir.

2. Fl-Artikolu 2 (1) (A) l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

Triticum aestivum L. — Qamħ komuni,

Triticum durum L. — Qamħ durum,

għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

Triticum aestivum L. emend. Fiori et Paol. — Qamħ,

Triticum durum Desf. — Qamħ durum.

3. Fl-Anness I (5) (B) (a), fl-Anness II (I) (A), fl-Anness II (1) (A) u fl-Anness III l-ismijiet ta' l-ispeċi li ġejjin:

Hordeum distichum,

Hordeum polystichum,

għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

Hordeum vulgare.

▼M2

▼M1

▼B

Artikolu 5

Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 69/208/KEE, u 70/458/KEE jew id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 70/457/KEE.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1980. Għandhom javżaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

▼B

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.